**29 ta' Ottubru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Joseph Cassar Demajo, noe

*versus*

Lewis Cassar Demajo

**Bejgħ — Oġġetti mobbili — Perfezzjoni ta' — Amministrazzjoni — Prezz — Ħlas ta'**

*Il-bejgħ ta' oġġetti mobbili jipperfezzjona ruħu malli jkun hemm il-kunsens tal-partijiet għal dak il-bejgħ u mhux bil-ħlas tal-prezz.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-konvenut fil-kwalità tiegħu u meta kien prokuratur ta' ħuh, l-imsemmi Anthony Cassar Demajo, kien żamm kwantità ta' oġġetti tad-deheb u fidda, provenjenti mill-wirt ta' omm il-kontendenti, u wara diviżjoni tal-assi tal-istess, u illi l-konvenut ġie lilu revokat il-mandat fuq imsemmi u l-attur innominat floku, u illi l-konvenut interpellat permezz ta' ittra uffiċjali biex jirrestitwixxi l-oġġetti tal-fidda u deheb appartenenti lill-istess Anthony Cassar Demajo, irrifjuta li jagħmel dan, talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — il-konvenut jiġi kkundannat biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu fissat minn dina l-Qorti jirrestitwixxi fil-kwalità tiegħu premessa l-oġġetti tad-deheb u tal-fidda li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża u li huwa kien qiegħed jidditjeni għan-nom ta' ħuh Anthony Cassar Demajo. *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra* uffiċjali tat-tmintax (18) ta' Diċembru, 1958.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li huwa proprjetarju tal-oġġetti in kwistjoni għaliex kien xtrahom mingħand l-attur u ħallas il-prezz tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-noti tax-xhieda tal-kontendenti;

Rat *id-digriet tagħha, diversament presjeduta* tal-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1959, li bih ġie nominat perit legali biex jirrelata jekk il-pretensjoni tal-attur għandiex fondament u jagħmel kull osservazzjoni li għandha x'taqsam mal-każ;

Rat ir-relazzjoni peritali preżentata fit-tmienja (8) ta' Jannar, 1963, u *maħlufa fit-tmienja (8) ta' Frar, 1963, kif* ukoll l-verbali tas-seduti miżmuma mill-Perit, u d-dokumenti lilu preżentati.

*Rat il-verbal tat-tmienja* u għoxrin (28) ta' Marzu, 1963, fejn jirriżulta li l-konvenut irrimetta ruħu għar-relazzjoni, u rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur preżentata fl-għoxrin (20) ta' Mejju 1963, li biha ġew kritikati l-konklużjonijiet peritali.

Rat l-atti l-oħra kolha tal-kawża, u eżaminat il-provi kollha prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat:

Ili l-perit legali wasal għall-konklużjoni li d-domanda attriċi għandha tiġi miċħuda għaliex il-konvenut ipprova l-eċċezzjoni tiegħu fis-sens li xtara l-oġġetti in kwistjoni mingħand l-attur u kwindi, bħala proprjetarju tagħhom, mhux *tenut jirrestitwihom lill-attur kif dan qed jitlob. Jiġi hawn* rilevat li l-konvenut kien ukoll eċċepixxa li hu ħallas il-prezz biss li l-konvenut xtara dawna l-oġġetti, mentri li jsemmi wkoll li t-talba attriċi hi diretta għall-konsenja ta' l-oġġetti u mhux ta' impunjativa tal-kontijiet resi mill-konvenut, u hekk il-perit legali ħalla miftuħa l-kwistjoni tal-ħlas tal-prezz jew aħjar tal-kontijiet, kompriż però l-import ta' dana l-prezz speċjalment in vista tad-diskrepanzi bejn il-kontijiet preparati mill-konvenut a fol. 25, datat ħdax (11) ta' Mejju, 1959, u a fol. 129, datat erba' u għoxrin (24) ta' Mejju, 1958 u tlieta (3) ta' Lulju, 1958. Hu proprju fuq dana l-punt li l-attur nomine kkritika l-konklużjonijiet peritali u l-kritika hi fis-sens li l-kwistjoni tal-perfezzjoni tal-bejgħ tirriduċi ruħha għall-ħlas tal-prezz involut u la darba dan, a tempo verġine, ma ġiex konteġġjat allura l-konklużjoni kellha tkun li l-bejgħ ma sarx.

Illi dina l-kritika kif konċepita ma tistax tiġi akkolta għar-raġuni li b'dispożizzjoni espressa *tal-liġi (Artikolu 1397 Ko-*

diċi Ċivili), il-ħlas tal-prezz mhux neċessarju għall-perfezzjoni tal-vendita dwar oġġetti bħal dawk in kwistjoni u ċioè li kienu magħrufa u determinati u għalhekk ma japplikawx għalihom l-eċċezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu sussegwenti għal dak ċitat; l-istess eċċezzjoni però għandha wkoll aspett ieħor li jirriferixxi għall-kunsens tal-partijiet li dejjem hu essenzjali biex il-bejgħ iseħħ; taħt dana l-aspett il-kwistjoni hi jekk ir-rimessa li għamel il-konvenut lill-attur, wara li dana semmilu li kien dispost jaċċetta l-offerta li l-konvenut kien għamillu qabel biex jixtri dawn l-oġġetti timplikax intima ta' eċċettazzjoni tali li in forza tagħha ntlaħaq l-"idem placitum consessus" għall-bejgħ ta' l-oġġetti: infatti bħala fatt, jirriżulta li r-rimessa ma kienitx għall-prezz preċiż tal-oġġetti, u, oltre dan, ebda ittra spjegattiva ma nkitbet lill-attur, kien fuq sitt snin wara (u ċioè fl-għaxra (10) ta' Novembru, tal-1958) li l-konvenut wera espressament lill-attur li meta bagħatlu l-flus għamel dan għax kien aċċetta li jixtri l-oġġetti billi wara dak iż-żmien hu nkluda l-prezz relativ fir-rendikont, dawn id-dati jirriżultaw mix-xhieda tal-konvenut stess; qabel dan iż-żmien il-konvenut kien indika r-rimessa in kwistjoni f'kontijiet li bagħat lill-attur in konnessjoni mal-amministrazzjoni ta' proprietà komuni, kif irileva l-attur nomine, fin-nota tiegħu, u ċioè fl-ittra tat-tnejn (2) ta' Novembru, 1952, mentri li r-rimessa kienet saret fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu, 1952. Bħala fatt ukoll, però għandu jissemma li meta l-attur bagħat permezz ta' ħutu l-oħrajn, (attur nomine ta' llum), u John, jistaqsi lill-konvenut dwar dawn l-oġġetti, dan dejjem wera li jitkellem direttament mal-attur u dan stess jirriferixxi li l-konvenut kien semmielu li jiktiblu "... regard the settlement of the matter of the jewellery"; iżda l-konvenut jidher li ma kiteb xejn iżjed lill-attur li għalhekk neħħieh minn prokuratur u pprova jfittex l-interessi tiegħu permezz ta' l-attur, u kien lil dan li l-konvenut imbagħad spjega dak li ried igħid, billi anke d-dokument a fol. 131, jidher intiż għall-attur nomine.

Illi mill-fatti kif hawn fuq rakkontati jista' jiġi wieħed indott jiddeduċi li l-attur ma kellux raġun jaħseb li l-konvenut kien aċċetta li jixtri d-deheb in kwistjoni, kif però svolġew ruħhom il-fatti, skond ma jixhduhom l-ittri skambjati bejn il-kontendenti dak iż-żmien stess li saret ir-rimessa, l-intenzjoni tal-konvenut li jixtri kienet manifesta u l-attur allura missu fehem u aktarx fehem li dan kien hekk; kien insegwitu li l-attur donnu biddel l-idea għax nesa dak li kien ġara u f'dana t-tibdil jidher li kien ajjutat mid-diskors li qallu l-prokuratur tiegħu preżenti għalkemm dan aktarx qallu l-istess diskors biex jurieh kemm kien lest biex jinteressa ruħu fl-interess ta' l-attur u kemm il-konvenut kien joħodha bil-mod dwar rendi-kont, iżda f'dawn l-ittri tal-prokuratur preżenti ma jissem-mewx l-oġġetti tad-deheb u fidda (biss in kwistjoni), iżda "moveable property" mentri li l-attur semmihom waħdu fl-atti tiegħu jżid igħid fl-istess paragrafu, li kien irċieva lista tal-oġġetti in kwistjoni. Kwantu għall-ittra tat-tmintax (18) ta' Awissu, 1952, li l-attur bagħat lill-prokuratur preżenti tiegħu rigward il-konvenut, evidentement kien nesa dak li kien kiteb lil dan fl-ittra ta' Good Friday 1952, fejn wera l-gratitudini tiegħu talli l-konvenut kien ikkura hekk malajr ix-xewqa ta' l-attur u qdieh f'qasir żmien. Hija proprju dina l-ittra ta' l-attur li l-Qorti kienet qiegħda tirriferixxi għaliha meta semmiet kif kienu ġraw il-fatti u li minn dawn l-attur missu fehem li l-konvenut ried jakkwista l-oġġetti in kwistjoni, infatti allura fl-ittra tiegħu preċedenti tad-(19) ta' Marzu, 1952, l-attur kien esprima l-fehma tiegħu li, biex ikollu flus malajr, kien dispost li jaċċetta l-offerta tal-konvenut li jixtri dawn l-oġġetti bil-kondizzjonijiet li dan kien offra; billi però dawn kienu jinvol-vu terminu għall-ħlas, allura l-attur semma li jekk xi wieħed minn ħutu (Joseph jew John ġa msemmija), kien lest biex joffri ħlas immedjat ("for cash"), allura kien jagħti preferen-za lil dawn. Kien minħabba dina l-offerta li l-konvenut aċċet-ta li jixtri u bagħat mill-ewwel lill-attur il-flus li dan kien talab allavolja l-qagħda ta' allura tal-kontijiet ta' l-amministrazzjoni

li kien qed iżomm il-konvenut ma kienitx tissuġerixxi rimess simili (ara prospett a fol. 25 u anke dak a fol. 129 tergo) għalkemm is-sitwazzjoni laħqet tbiddlet sat-tletin (30) ta' Settembru, 1962 (ara ittra a fol. 119); dan jispjega wkoll għaliex il-konvenut għal bidu ried jitkellem mal-attur fuq dawn l-oġġetti billi ħut l-oħrajn kienu wkoll ġew indikati bħala xerrejja possibbli tal-oġġetti in kwistjoni, u spiċċa biex ippreżenta l-ittra taħt eżami matul il-kawża;

Illi l-Qorti qiegħda tagħti dina l-interpretazzjoni lill-fatti li ġraw kif riżultati mill-ittri tal-attur stess, minfejn jidher li hu kien nesa dak li kien ġara fil-fatt snin qabel, u spiċċa biex iriduċa l-kwistjoni hu wkoll għall-ħlas tal-prezz jew ried li hu jerġa' jikkonferma n-negozju mentri li l-ħlas kif intqal, mhux neċessarju biex il-bejgħ jiġi perfezzjonat, u, dwar il-konferma, dan l-anqas ma kienet neċessarja għax l-offerta tiegħu kienet ġiet aċċettata u hekk il-bejgħ ipperfezzjona ruħu b'dina l-aċċettazzjoni, fil-fatt il-konvenut kellu l-idea li qed iħallas dana l-prezz bħala aċċettazzjoni (arrotondiet għall-mitt lira (£100) sterlina), u anke l-attur missu fehem hekk, il-konvenut imbagħad nesa jakkredita lill-attur bl-istess prezz meta nagħta l-ewwel kont ta' l-amministrazzjoni u hekk is-sitwazzjoni kkomplikat ruħha speċjalment meta l-attur iddeċieda li jinnomina prokuratur ieħor flok il-konvenut u allura wkoll qamet il-kwistjoni ta' l-imgħax fuq il-prezz, dana però m'għandux jinfluwixxi fuq il-meritu tal-kawża (-attur juri li kien dispost jirċievi l-flus flok l-oġġetti bil-prezz ta' l-istima, bla imgħax, kieku tħallas "cash" min għand xi wieħed minn ħutu fl-1952 u l-konvenut hekk ħallsu) iżda biss fuq il-kap ta' l-ispejjeż. Dan ifisser ukoll li l-kontijiet għad iridu jsiru sew bejn il-kontendenti la darba dana l-prezz ma ġiex inkluż qabel fl-istess kontijiet għalkemm kien il-parti prinċipali tar-rimessa tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu, 1952.

Għal dawna l-motivi u dawk tal-Perit Legali, sa fejn

*kompatibbli mal-istess;*

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur nomine, salvi d-drittijiet tal-partijiet dwar konteġġi ta' bejniethom anke in vista ta' dina d-deċiżjoni. L-ispejjeż in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, billi bl-aġir tiegħu l-konvenut ta wkoll lok għall-istanza, jitħallsu bejn il-kontendenti nofs kull wieħed.